MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 354/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Alfred Williams**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Williams, 52 sena, bin William u Violetta nee' Muscat, imwieled Valletta, nhar il-25 ta' Lulju 1951, u residenti f'81, Triq il-Vitorja, Isla, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru: 581651M gie akkuzat talli fit-13 ta' Marzu 2002, u/jew fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'Rahal il-Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira (Lm1000) bi hsara ta' Bank of Valletta p.l.c.; Cleofe Pisani; Tracy Magro; Clive Tong; Anna Tong; Kevin Farrugia; Dunstan Farrugia; u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi u fi zminijiet ta' wara ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe' minn *invoices ta' Rayiams Limited*, u dokumenti ohra u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju datata 13 ta' Marzu, 2007 (Ara fol. 226 tal-Process) u nnutat li l-imputat fis-Seduta tallum wara li gie mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu

jigi trattat bi procedura sommarja, u wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li tenut kont il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li jidher li l-imputat presentament ghaddej fit-triq it-tajba, hu tal-umli fehma li l-imputat ma jimmeritax piena karcerajra effettiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 183, 184, 189, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Williams, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Uffical Prosekutur iddikjara li tenut kont il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li jidher li l-imputat presentament ghaddej fit-triq it-tajba, hu tal-umli fehma li l-imputat ma jimmeritax piena karcerarja effettiva, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Alfred Williams ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba (4) snin millum l-imputat Alfred Williams jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed  taghti lill-imputat Alfred Williams l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------